MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tas-27 ta' April, 2015

Talba Numru. 97/2014

**John Mary Cachia (ID752761M)**

**Vs**

**Silvio Buttigieg u Nicholas Fenech**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tal-attur pprezentat fit-12 ta' Frar, 2014, fejn ippremettew:

Illi l-konvenut Buttigieg inkariga lill-attur sabiex jaghmel diversi vetturi proprjeta' tal-istess konvenut;

Illi l-ammont dovut ghal dawn it-tiswijiet huma dak ta’ hames mitt Ewro (€500);

Illi Silvio Buttigieg jallega li huwa effettwa l-hlas permezz ta’ cekk nru:000077 tal-Bank of Valletta plc;

Illi jirrizulta li dan ic-cekk gie msarraf mill-konvenut l-iehor Nicholas Fenech ghand Valletta Service Station;

Illi l-attur ghadu ma thallasx minkejja li nterpella lill-konvenuti sabiex jaghmlu dan;

Ghaldaqstant in vista tal-premess, l-attur umilment jitlob li dan l-Onorabbli Tribunal jikkundana lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-attur s-somma ta’ hames mitt Ewro (€500);

Bl-ispejjez u bl-imghax dekoribbli skont il-ligi.

Rat ir-risposta tal-konvenut Nicholas Fenech datata 11 ta’ Gunju, 2014 fejn ippremetta:

Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante:

Illi huwa ma huwiex debitur tal-attur u qatt ma nkariga lill-attur illi jaghmel xi xoghol.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, c-cekk indikat mill-attur, inghata lil Nicholas Fenech bhala hlas ta’ paga dovuta lilu minn Silvio Buttigieg, Nicholas Fenech sarraf dan ic-cekk ghand Valletta Service Station.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-verbal datat 11 ta' Frar, 2015 li bih il-kawza thalliet ghas-Sentenza.

Hareg mill-provi illi John Mary Cachia huwa electrician tal-karozzi. Kien ghamel xoghol fuq xarabank. Nicholas Fenech kien xufier ta' xarabank li fuqu kien ghamel xoghol pero' sid ix-xarabank huwa Silvio Buttigieg. Kien fadal bilanc ghax-xoghol fis-somma ta' hames mitt Ewro (€500.00).

It-Tribunal ra li minkejja diversi seduti il-konvenut Silvio Buttigieg (sid ix-xarabank) ma prezenta l-ebda risposta u lanqas ma giet prezentata prova ghall-kontestazzjoni tieghu. Illi fir-risposta tieghu il-konvenut Nicholas Fenech ikkontesta illi huwa d-debitur ta' dan l-ammont ghaliex qatt ma 'nkariga lill-attur jaghmel dawn it-tiswijet u c-cheque 'ndikat bhala hlas ghall-dan ix-xoghol kien hlasijiet lilu minn Silvio Buttigieg ghax-xoghol. Dan ic-cheque gie prezentat fit-Tribunal u gie msarraf ghand Valletta Service Station. Illi ma tresqux provi ohra. Illi t-Tribunal ihoss illi dan huwa rrelevanti u li m'ghandux jidhol fil-kwistjoni bejn Nicholas Fenech u Silvio Buttigieg. In vista tal-provi prodotti t-Tribunal ihoss illi t-talba giet sodisfacjentament ippruvata kontra Silvio Buttigieg.

Ghal-dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba kontra Nicholas Fenech u jilqa' t-talba kontra Silvio Buttigieg fl-ammont totali ta' hames mitt (€500) Ewro bl-imghax mid-data tal-avviz sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjes kontra il-konvenut Silvio Buttigieg.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------